# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**16/18**

**Minuti tas-sittax (16) il-Laqgħa b'Urġenza tas-sena 2012 tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar t-Tlieta, 20 ta' Marzu 2012 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u skużati:** | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier (rikoverat) |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (bl-ittre xogħol) |
| **Mistiedna:** | Is-Sur Charles Scerri | | |
| | Is-Sur Christian Micallef | | |
| | Is-Sur Anthony Spiteri | | |
| | Is-Sur Mario Coleiro | | |

**Aġenda:** ***Misraħ Santa Venera***

***Il-laqgħa bdiet fis-7.15 ta' filgħaxija***

***1*** **Misraħ Santa Venera**

1.1 Is-Sur Horace J Anastasi fakkar li f'waħda mill-laqgħat li kellna, l-Kunsill qabel li l-proġett ta' Misraħ Santa Venera kellu jkun parti tarmak u parti pavimentar.

1.2 Is-Sindku qal li hu kien li saħaq mal-Kunsill biex ġos-subborg ta' Santa Venera jkollna Pjazza li tixraq, bħalma għandhom lokalitajiet oħra. Il-Kunsill qabel li l-postijiet tal-ipparkjar m'għandhomx jitneħħew kollha. Hawnhekk is-Sindku irrimarka lill-Kunsillieri preżenti li jekk ma kienx korrett għandhom jikkorreġuh.

Fil-fatt, ħadd ma innega dan il-fatt. Is-Sindku kompla jistqarr li ltaqa’ mas-Sur Charles Scerri (preżenti fil-laqgħa) u waqt li kien qed jitkellem miegħu dwar l-imsemmi Misraħ irrimarkalu li kienet tixraq statwa ta’ Santa Venera Verġni u Martri, fl-uniku Misraħ li għandna fil-Lokal. Is-Sur Scerri wieġbu li huwa jaqbel perfettament u tant kienet ħaġa stupenda li kien lest li hu jħallas l-istatwa ta’ Santa Venera. Is-Sindku ħatfu fil-kelma u nfurmaħ li kien se jkellem lill-Perit tal-Kunsill. Fil-fatt, tkellem mal-Perit Bezzina u xtaq jara jekk l-ideja togħġobx lill-Kunsillieri. Il-pjanta intweriet lill-Kunsillieri u xi persuni mill-pubbliku. Is-Sindku żied jgħid li l-pedastal ser jagħmlu l-Kunsill u li l-istatwa se tkun xi seba’ piedi għolja b’żewġ piedi kwadri.

1.3 Is-Sindku rrakkonta li fiż-żmien, x’imkien lejn in-nofs fl-imsemmi Misraħ kien hemm l-istatwa ta’ San Pawl rieqed. Intqal ukoll, li fuq wara tal-pedestall għandu jkun vojt ħalli titpoġġa dina l-istatwa ta’ San Pawl rieqed. Is-Sindku żied jgħid li b’hekk f’dan il-Misraħ imfittex minn kulħadd ikollna lil Santa Venera u lil San Pawl. L-Istatwa ta’ San Pawl ser tkun tħares lejn il-knisja u l-istatwa ta’ Santa Venera tħares lejn Triq Brejl.

1.4 Dwar l-ispiża s-Sindku qal lill-Kunsillieri li l-Kunsill mhux se jonfoq ċenteżmu aktar minn dak li diġa’ stmat mill-allokazzjoni. L-istatwa ta’ San Pawl hija antika u hemm storja ħelwa li teħodna xi 200 – 250 sena ilu u, lis-Sur Mario Coleiro ħallas biex ġiet rrestawratha u, li kien lest li jroddha meta jinstab il-post adatt fejn tkun esebita.

1.5 Bi qbil tal-Kunsill, Is-Sur Cristian Micallef, Is-Sur Anthony Spiteri u s-Sur Charles Scerri li kienu preżenti waqt il-laqgha ngħataw permess li setgħu jintervjenu kif fil-fatt, għamlu.

1.6 Is-Sur Charles Scerri ta spjegazzjoni fuq San Pawl u l-istatwa u qabel ma x’kien qal is-Sindku.

1.7 Is-Sur Scerri kompli jisħaq dwar l-importanza ta’ dan il-proġett fil-Misraħ indikat ħalli ma nibqgħux naraw invażjoni ta’ *Containers* u, ma’ dan qabel kull minn kien preżenti.

1.8 Il-Kunsillier Sultana qal li f’dan l-istajdu irridu niltaqghu mas-‘stakeholders’ – mal-‘Business community’, ma’ Ta’ Bandallu, eċċ.

1.9 Is-Sindku qal lis-Sur Busuttil (Ta’ Bandallu) kien mistieden bħal kulħadd u baqa’ ma ġiex.

1.10 Il-Kunsillier s-Sur Sultana qal li l-iskola ser jkollha impatt dirett u staqsa ukoll kemm kien se jintilef *parking*.

1.11 Is-Sindku żied jgħid li hu kellem lil kull min kellu interess u li se jkun hemm xi Għoxrin (20) post fejn jipparkjaw. Is-Sindku kompla jgħid li jekk jitneħħew l-

istatwa u s-*soft areas* il-postijiet tal-ipparkjar jiżdiedu. Hawn staqsa jekk kienx hemm min jixtieq li jneħħi l-istatwa u s-*soft areas* tal-madwar biex jiżdiedu aktar postijiet tal-ipparkjar imma, ħadd m'aċċettaha.

1.12 Hawnhekk wasal is-Sur Mario Coleiro fejn qal li l-istatwa ta' San Pawl rieqed qegħda il-Birgu '*on loan'* fil-Palazz tal-Inkwiżitur. Huwa ssuġġerixxa li jekk se jsir xi pedestal dan għandu jsir bil-ħġieġ.

1.13 Is-Sindku qal li fil-fatt, se jkun, bi ħġieġ apposta. Qal ukoll, li huwa tkellem ma' xi Patrijiet, mar-Residenti u ma' xi membri t'Għaqdiet fil-Lokal u kollha kemm huma wrew sodisfazzjon kbir li se jkollna zuntier b'pavimentar ġdid, *soft areas*, funtana, u li jibqa' jestendi għal quddiem il-Kulleġġ ta' Sant'Elija u, pavimentar fin-nofs tal-Misraħ fejn se jkun hemm l-istatwa ta' Santa Venera Verġni u Martri, aktar *Soft areas* u l-postijiet fejn jipparkjaw il-karozzi; inizjattiva importanti u tant mixtieqa u mistennija.

1.14 Il-Kunsillier Sultana reġa' tenna li jixtieq li l-Kunsill jagħmel laqgħa oħra fejn nistiednu r-rappreżentant tal-iskola, Patrijiet u lil Ta' Bandallu.

1.15 Il-Viċi Sindku, s-Sur Ronald Briffa qal li dan iservi bħala riklam għall-Kunsill.

1.16 Il-Kunsilleri Sultana saqsa lis-Sindku jekk ġabx miegħu l-istima ta' Misrah Santa Venera.

1.17 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu aktar minn €100,000 mill-*UIF* u li dan kull Kunsillier seta' jara mill-korrispondenza. Minbarra hekk is-somma ivvutata mill-Kunsill - bis-servizzi tal-ilma u d-drenaġġ, jafuha l-Kunsillieri kollha. Is-Sindku sostna li mhux ser ikompli jittrattjeni fuq dan il-proġett tant mistenni. Is-Sur Anastasi rrimarka li hu jkun kważi l-ħin kollu fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera u kull min iċempillu jew jiġi fil-fond indikat hu, kien dejjem lest li jilqgħu u jisimgħu minnufih; kulħadd jaf li miegħu mhemmx bżonn appuntamenti.

1.18 Is-Sindku qal lill-Kunsillieri preżenti li se jivvotaw fuq li mhux se joħorgu iktar milli għandu l-Kunsill għat-tarmak u mhux ser jagħmlu xejn aktar spejjeż mill-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera u, li l-kumplament tal-ispiża tittieħed mill-*UIF*.

1.19 Peress lis-Sur Sultana deher xettiku dwar lill-Kunsill Lokali mhux se jżid fl-ispejjeż mis-somma mogħtija mill-Gvern is-Sindku talab għall-vot:

1.20 Is-suġġett biex jinżamm il-vot kien li l-Kunsill qed jippreżenta pjanta li jista' jkun hemm xi tibdil żgħir, li turi il-proġett ħolistiku f'Misraħ Santa Venera u li l-Kunsill Lokali mhux se jonfoq mill-flus allokati lilu mill-gvern ħlief għat-tarmak previst iżda, li l-pavimentar u t-tisbiħ se jitħallas mill-*Urban Improvement Funds (UIF).*

Favur 3 (Is-Sindku H J Anastasi, Il-Viċi Sindku R Briffa,

il-Kunsilliera M Micallef

Kontra - (Ħadd)

1.21.2 Il-Kunsillieri s-Sur S Sultana u s-Sur E Formosa ma vvutawx minħabba li qalu li ma kienux jafu kemm ġejja l-ispiża.

1.21.3 Il-Proposta għaddiet.

1.22 Il-laqgħa intemmet fis-7.35 ta' filghaxija.

Is-Sur Horace J Anastasi
Is-Sindku

Is-Sinj Louise-Anne Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati Illum, it-Tnejn 18 ta' Ġunju, 2012